ĠUŻÈ AQUILINA

# L-Ilsien Malti: Dokument ta' l-Istorja

Illum, wara bosta snin ta' tagħlim, ħafna fehmu li għalkemm il-Malti huwa lsien ta' poplu żgħir fil-għadd li jgħix fi gżira ċkejkna, madankollu għandu ġo fih setgħat kbar bħal ta' dik iż-żerriegħa żgħira li biż-żmien issir siġra kbira. Minħabba f'hekk, l-istess fil-Malti, l-istess bħall-interess f'Malta, mhux se jibqa' magħluq mad-dawra ta' din il-gżira. B'dan il-ħsieb f'moħħi jien ħadt sehem f'diversi kungressi, mill-Amerka sa l-Awstralja, biex ngħarraf lill-istudjużi barranin bl-importanza tal-Malti fil-kamp ta' l-istudju Semitiku kif ukoll fil-kamp ta' l-Ilsna Romanzi. Jekk it-teżori li għandha nagħarfu nesportawhom, ħafna barranin juru interess akbar f'wirt missirijietna.

Tassew li l-Malti hu mitkellem f'Malta biss, imma niftakru dejjem li ma kienx ikun hemm Ilsien Malti fid-dinja kif hemm ilsna oħra, kieku ma kienx hemm ġens Malti. Madankollu, bis-saħħa ta' dan l-ilsien, meta huwa studjat xjentifikament, aħna norbtu l-fruntieri tal-gżira żgħira tagħna mal-fruntieri ta' żewġ kontinenti. Aħna bis-saħħa tal-Malti nistgħu nibnu l-pont bejn l-Ewropa u l-Afrika.

Qabel infisser għaliex, irrid ngħid biss li se naqsam it-taħdita tiegħi fuq il-firxa ta' l-istorja ta' Malta f'żewġ perijodi l-aktar importanti, sewwa sew fejn jidħol it-tlaqqigħ taż-żewġ fruntieri li għadni kif semmejt — il-fruntieri li jgħaqqdu lil Malta ma' l-Ewropa u l-Afrika. Flok il-fruntieri stajt nieħu l-paragun tal-pont li jgħaqqad żewġ pajjiżi mifruda bil-baħar. Fl-editorjal tal-*Journal of Maltese Studies* (Għadd 5 tas-sena 1968) jiena ktibt hekk: *The editor of this Journal insisted several times on the need for his Chair to*

*include the teaching of Arabic Language and History in our university, mentioning among other reasons that the university of a Semitic speaking country with a European civilisation is in a privileged position for the promotion of Arabic and Islamic Studies even much more than an English university or any other university in Europe.*

Lingwa ta' pajjiż tista' tarahа minn diversi aspetti. Minbarra l-aspett filoloġiku, hemm aspetti oħra, fosthom l-aspett storiku. L-Istorja ta' l-Ilsien Malti tidħol bilfors fl-Istorja ta' Malta, bħalma l-lingwi ta' pajjiżi oħra, meta l-istorja nistudjawha fil-wisa' tagħha kollu, jidħlu fl-istorja ta' pajjiżhom. Ma tistax tagħraf l-istorja ta' pajjiż biżżejjed jekk ma tkunx taf l-istorja tal-lingwa tiegħu.

Malta, li ħadet rajha f'idejha fl-1964, kienet dejjem maħkuma mill-barranin u għalhekk ġara li, biż-żmien, ħafna nies tal-ħakma li żżewġu nisa Maltin (demm il-mara l-aktar li jżomm l-identità ta' nazzjon) saru biċċa waħda minn ġens pajjiżna. Għandna xhieda qawwija ta' dan fl-għadd tal-kunjomijiet tagħna.

*Perijodi storiċi ewlenin*

L-aktar żewġ perijodi importanti fl-istudju tal-Malti huma l-ħakma politika ta' l-Għarab li bdiet mis-sena 870 u baqgħet sas-sena 1090 u warajha l-ħakma Normanna li bdiet minn din l-aħħar sena u biż-żmien fetħet il-bieb għal diversi ħakmiet oħra mhux iżjed mill-Afrika biss, bħal fi żmien il-Għarab, imma mill-Ewropa wkoll. Minħabba f'hekk, l-istorja lingwistika Maltija hija bilfors Ewro-Afrikana waqt li l-istorja taċ-ċiviltà tagħna hija Ewropea u Nisranija. Iċ-ċiviltà Maltija taħt iż-żewġ aspetti hija dejjem Ċiviltà Mediterranea. Imkien daqs f'Malta ma jiltaqgħu hekk tajjeb dawn iż-żewġ ċiviltajiet, għax hawn Malta nitkellmu lsien li, minkejja l-kotra ta' kliem missellef mill-Isqalli u mit-Taljan u, fi żmienna, mill-Ingliż, jidħol fl-Ilsien Għarbi li llum hu mitkellem minn madwar 100,000,000 ruħ. Kien għal din ir-raġuni li fl-1971, hawn Malta sar l-ewwel kungress ta' l-istudji Għarab-Berberi mlaqqa' mill-Università tagħna flimkien mal-*Ecole Pratique des Hautes Etudes* Università ta' Pariġi. Dawn iż-żewġ universitajiet qatt ma kienu jiltaqgħu hawn Malta li kieku ma sabux f'din il-gżira tagħna interessi ta' studji li joħorġu barra mix-xtut tagħha.

Għall-istudju xjentifiku ta' l-ilsien Malti hu meħtieġ ħafna, għalhekk, minn naħa waħda, l-istudju ta' l-ilsna Semin, l-aktar ta' l-Għarbi, u min-naħa l-oħra l-istudju ta' xi djaletti Romanzi, l-aktar dak tat-Taljan qadim, ta' l-Italja ta' nofsinhar u ta' l-Isqalli. Bejniethom dawn iż-żewġ familji ta' l-ilsna jiġbru l-istorja kulturali u etnika tagħna. L-istudju ta' l-ilsien Malti, mela, igħinna nifhmu l-istorja ta' pajjiżna. Lingwa u storja jintrabtu flimkien u jixħtu dawl fuq xulxin. Biex nuri dan biżżejjed nagħti analiżi storiko-lingwistika ta' ġrajjiet artna fl-imgħoddi, lura fiż-żmien minn qabel bdew jinżammu d-dokumenti miktuba fl-arkivji; lura fiż-żmien qabel ma l-liġijiet bdew jinkitbu biex tinżamm tifkira tagħhom fil-kotba.

Semmejtilkom iż-żewġ ġrajjiet politiko-soċjali l-aktar importanti fl-istorja tal-lingwistika Maltija, jiġifieri dik li tintrabat mal-ħakma Għarbija u dik li tintrabat ma' tmiem il-ħakma Għarbija u tibqa' sejra għal matul il-ħakmiet Ewropej ta' warajha.

Studju mqabbel ta' l-elementi tal-Malti semitiku, li writnieh mingħand nies li kienu jitkellmu lsien li jidħol fil-familja ta' ilsna Semin jixħet dawl qawwi fuq il-ħajja soċjali Maltija fi żmien il-Għarab, u jekk wieħed iħaffer taħt is-saff Għarbi, forsi fuq in-nies ta' qabilhom ukoll. L-istorja miktuba ta' Malta, mhux bħal dik ta' Sqallija, ftit li xejn issemmi dwar il-ġrajjiet soċjali ta' matul il-ħakma Għarbija għalkemm, jekk wieħed igħodd is-snin li l-Għarab baqgħu Malta sa fi żmien in-Normanni meta Federiku II bagħathom 'il barra, l-influwenza lingwistika tagħhom tinfirex fuq medda ta' xi erba' mitt sena.

Il-Maltin u l-Għarab damu jgħixu flimkien f'din il-gżira. F'dawk iż-żminijiet il-ġrajjiet soċjali tal-ħajja Maltija baqgħu jseħħu għax kull fejn ġabriet ta' nies jiltaqgħu flimkien, jinħolqu bilfors relazzjonijiet soċjali li l-istudju tagħhom jagħmel sehem mill-istudju politiku-soċjali ta' l-istorja tal-poplu. Mill-istudju tal-Malti naslu biex nifhmu li l-Għarab li ħakmu 'l Malta f'dak iż-żmien meta ġà kienu ilhom iżjed minn 150 sena fi Spanja u aktar minn 40 sena fi Sqallija, fejn ħallew wirt għani taċ-ċiviltà tagħhom, kellhom influwenza kbira fuq il-ħajja soċjali tal-gżejjer tagħna. Dan ma nafuhx minn dokumenti merfugħin fl-arkivji. Dan nafuh l-aktar minn dokumenti oħra merfugħin fl-ilsien Malti. Minn dawn id-dokumenti lingwistiċi ta' l-ilsien mitkellem, nistgħu ngħidu li l-influwenza Semitika hawn Malta laħqet iċ-ċirku ta' kliem u ideat li

kienu meħtieġa fuq l-1,000 sena ilu, kliem ewlieni fiċ-ċiviltà tal-bniedem bħalma hu kliem li juri l-fenomeni tad-dinja u l-elementi tagħha, kliem li jfissru ideat meħtieġa biex jingħata isem lil dak kollu li għandu x'jaqsam mar-raba' u l-ilma; mal-minerali u metalli; x'uħud mill-bhejjem, insetti u rettili; siġar tal-frott; ħxejjex selvaġġi jew ta' l-ikel; l-anatomija ta' ġisem il-bniedem; il-qrubija tad-demm (kif wieħed jiġi mill-ieħor); ikel u xorb; iż-żmien u l-erba' staġuni; il-kejl u l-għadd. Minbarra dan, il-Malti mitkellem jixhed influwenza semitika, anki f'dik li aħna nistgħu niddiskrivu bħala binja jew tifsila tal-lingwa, jiġifieri l-istruttura sintattika.

*Il-lingwa u l-istorja*

Ħafna mill-kliem, jekk tistudjah fil-kontest soċjali ta' żmienu, l-aktar meta tiftakar li għalkemm inbidlu l-ħakmiet barranin waħda wara l-oħra, dawn baqgħu jingħadu u għadhom jingħadu sa llum igħin lill-istoriku xejn inqas mil-lingwista biex jiġbed deduzzjonijiet, u forsi konklużjoni, li minnhom jista' jibni materjal storiku u soċjoloġiku li m'għandna l-ebda tifkira miktuba tiegħu. Qed ngħid għal kliem tal-biedja bħal *qasam, raba'* u *egħlieqi,* li, flimkien ma' l-ismijiet tal-kejl tagħhom *kejla, siegħ, modd, wejba,* jixħtu dawl fuq is-sistema fewdatarja ta' taqsim l-art. X'ingħidu, imbagħad, għad-dawl li t-toponomastika Maltija tixħet fuq l-istorja ta' Malta Semitika jonkella fuq Malta medjevali? Dawn, tneħħi xi ftit ġodda u għalhekk dokumentabbli, bħal kliem tal-biedja huma Għarab fil-qofol tagħhom. X'jista' jgħidilna l-istoriku fuq dan?

Xhieda oħra ta' l-influwenza ta' l-Għarab hawn Malta huwa l-għadd ta' ismijiet ta' nisel Semitiku, morfoloġikament Għarbin forsi meħudin u mibdulin minn ilsien ieħor semitiku li kien mitkellem fil-gżira ta' Malta, qabel ħaduha taħt idejhom. Fuq dan l-argument tkellimt f'kungress li sar f'Ravello fl-1966. Ħafna drabi l-istudju tal-Malti u l-ilsna qrabu jgħin biex bihom nifhmu x'ifissru l-ismijiet ta' rħula u nħawi f'Malta u Għawdex; għax ibqgħu żguri li l-ismijiet fil-bidu dejjem ingħataw b'xi sens u għal xi raġuni. Ingħataw biex jagħżluhom minn xulxin bħall-ismijiet li nagħtu lit-trabi fil-magħmudija. Ħafna drabi jiġri li, minħabba s-snin li jkunu għaddew kemm is-sens u kemm ir-raġuni jew jintilfu, jew ma jibqgħux jinftiehmu u nistgħu nfittxuhom u nsibuhom biss bl-istudju ta' l-ilsna

qrib, l-aktar il-Għarbi li, fost l-ilsna semitiċi kollha, hu l-iżjed għani u importanti għall-istudju tagħna.

L-Għarbi hu l-muftieħ ta' l-ilsna Semitiċi kollha għax fosthom hu l-aktar għani, muftieħ li jiftaħ ħafna bibien.

Fil-Għarbi ta' l-Afrika ta' Fuq li, fost diversi djaletti l-aktar li jaqblu mal-Malti, xi drabi jitfaċċa kliem ta' nisel Latin, mogħti sura Għarbija fdal ta' l-imperjaliżmu lingwistiku fi żmien ir-Rumani bħalma kienet, biex nagħtu eżempju, l-Afrika ta' Fuq (il-Magħreb) fi żmien Santu Wistin. Eżempju ta' kliem Għarbi mil-Latin huma: *dinâr,* li ġejja mil-Latin *denarius* bil-Malti *dinier* u l-kelma *fellus* li tinsab fl-Għarbi ta' l-Afrika ta' Fuq mil-Latin *'pullus'*; il-verb *fernaq* (Għarbi *farnaq*) mnejn ħadna l-kelma Maltija *ifernaq,* mil-Latin *'fornax'*. Mill-Grieg imbagħad għandna l-kelma *fils*/pl. *flus,* mill-Għarbi *fils* meħuda mill-Grieg *obolos.* Għalkemm l-Għarbi jgħix u jikber minnu nnifsu, issellef kliem ieħor mill-Grieg, mill-Persjan, mill-Ispanjol u mit-Tork u fi żmienna qed jissellef ukoll mill-ilsna Anglo-Sassoni l-aktar il-kliem xjentifiku.

Ħafna jfaħħru għal ġmielha l-bajja Għawdxija tax-Xlendi, imma kemm hawn minna, ħlief dawk li studjaw il-Malti sal-qiegħ, li jafu li din il-kelma għalkemm tinsab fil-Għarbi tal-Palestina wkoll hi meħuda mill-ilsien Biżantin *xelandion* li Dozy* ifisser *espèce de navire,* bil-Malti speċi ta' ġifen Biżantin? Fil-Palestina tal-Punent hemm post jismu *ħurbet ex xelendi,* jiġifieri l-ħerba tax-Xlendi. Jekk inhu hekk, ma nistgħux mil-lingwistika naqbżu għall-istorja u ngħidu li l-bajja Għawdxija ssemmiet hekk għax fiha kienu jidħlu l-iġfna Biżantini? U jekk inhu hekk, x'kummerċ seta' kellhom Malta u Għawdex magħhom? Il-bajja tax-Xlendi hi bajja storika. Fis-sena 1961 mill-qiegħ tal-baħar ftit 'il barra minn din il-bajja tellgħu ġarar ta' nbid ta' għamliet Rumani, Kartaġiniżi u Griegi, ħaġa li turi illi, minħabba l-maltemp li jagħmel fil-bokka tax-Xlendi, kien għereq aktar minn bastiment wieħed, li ma nstab l-ebda fdal tagħhom. Jidher li l-bajja tax-Xlendi kienet bajja ta' kummerċ ma' artijiet barranin.

Ħafna drabi hawn Malta nitkellmu fuq il-ħtieġa li nħaddru l-gżejjer tagħna, inħawlu u nkabbru siġar iżjed għax jiġbdu x-xita, u barra li jsebbħu l-Gżira, l-egħlejjel tagħhom huma l-matmura tal-

---

* Dozy, Reinhart A.P., *Supplèment aux dictionnaires arabes.* Leyde 1881. 2 vols.

poplu. Mit-toponomastika nibnu dehra ta' Malta ħadra għax aktar imsaġġra. Fost ismijiet agrikoli ta' rħula nsemmi ż-Żejtun u Ħaż-Żebbuġ hawn Malta u ż-Żebbuġ Għawdex. Meta għandek ismijiet ta' tliet irħula msemmijin għas-siġra li minnha jingħasar iż-żejt (f'Għawdex qrib iż-Żebbuġ hemm raħal jismu l-Għasri) għandek xhieda mhux biss ta' interess lingwistiku imma ta' interess soċjoloġiku wkoll, l-aktar għal dawk li jistudjaw l-istorja tal-biedja hawn Malta u l-ħafna għajdut li għandu x'jaqsam mar-raba' u x-xogħol tiegħu. Biex ngħinkom tifhmu kemm kienet iżjed imħaddra u msaġġra Malta, insemmilkom mit-toponomastika Maltija ismijiet ta' siġar u xtieli mfissrin bl-Ingliż bħala xhieda ta' dan: Ħal Balzan: *(il-)Berwieq,* 'asphodels'; *(il-)Qasbija,* 'stubble'; *(Ta' l-)Iklin,* 'rosemary'; Birkirkara: *(Ta' l-)Iklin,* 'rosemary'; Birżebbuġa: *(Wied) Żenbaq,* 'jasmine'; *(Wied) Żnuber,* 'fir tree'; Dingli: *(Il-) Bukra,* 'tamarisk'; Gudja: *(Wied) Qoton,* 'cotton'; Gżira: *(Ta' Wied) Għollieqa,* 'bramble'; Għaxaq: *(L-)Iklin,* 'rosemary'; Marsaxlokk: *(Iż-)Żebbuġ,* 'olive trees'; Mellieħa: *(Għajn) Żnuber,* 'Scotch pine or fir tree'; Mdina: *Biżbeżija,* 'fennel'; *(Ta') Dolf,* 'plane tree'; *(Il-)Ħemsija,* 'chick pea' *(collective); Żebbuġa,* 'olive'; Mġarr: *Ġnejna,* 'small orchard'; *(Il-)Ballut,* 'oak tree'; *(In-)Naħlija,* 'palm tree'; *(Għajn) Tuffieħa,* 'apple tree'; Mosta: *(Is-)Sgħajtar,* 'thyme'; Naxxar: *(Wied) Bordi,* 'papyrus'; Għargħur: *(Tax-) Xwieki,* 'thorny places'; *Żagħruna,* 'wild hawthorn'; Qormi: *(Xagħra tas-)Simar,* 'common rush'; *(Tad-Dwieli),* 'vines'; *(Tad-) Dukkara,* 'male fig-tree'; Rabat: *(Ġebel) Dollieġħi,* 'water melons'; *(Wied il-) Busbies,* 'fennel'; *(Ta') Dolf,* 'plane tree'; *Imtaħleb,* 'moss'; *(Is-)Sandar,* 'sandal'; Raħal il-Ġdid: *(Tal-) Liedna,* 'ivy'; *(Għajn) Dwieli,* 'vines'; *(San Ġwann tal-)Għorgħar,* 'juniper tree'; Siġġiewi: *(Rdum) Ħurrieqi,* 'bramble'; *(Tal-)Lewża,* 'almond tree'; *(Tal-)Berwieq,* 'asphodel'; San Pawl il-Baħar: *(Il-)Ballut,* 'oak tree'; *(Is-)Safsafa,* 'willow'; *(Is-)Simar,* 'common rush'; *(Tal-)Għansar,* 'officinal squill'; *(Tal-)Basal,* 'onions'; *(Wied) Qannotta,* 'reeds'; *(Il-)Għollieq,* 'brambles'; *(Il-)Ballut,* 'acorn'; *(It-)Tilliera,* 'viscous erigeron'; Ħaż-Żebbuġ: *(Ta') Żagħrun,* 'wild hawthorn'; *(Ta') Ħruf,* fl-Għarbi 'ħruf' hu isem ta' pjanta, bl-Ingliż 'water cress'; Żejtun: *(Ta') Dollieġħa,* 'water melon'; *(Wied) iż-Żiju,* 'olive-leaved buckthorn'.

Minn dix-xhieda toponomastika nitgħallmu żewġ ħwejjeġ importanti: waħda li l-Agrikoltura Maltija u Għawdxija hija storikament Għarbija jew aħjar Maltija-Għarbija u l-oħra li fi żmien il-Għarab, u minn qabilhom ukoll, Malta kellha ħafna iktar siġar milli għandha llum, bħalma kellha ħafna iktar siġar tal-ħarrub, bħal dawk li x'uħud minnhom għadkom tistgħu tarawhom f'saħħithom Tal-Qroqq fejn inbniet l-Università l-ġdida, siġar li biż-żmien, waħda wara l-oħra, tqaċċtu u nqerdu biex flokhom tela' l-bini.

Minbarra t-tagħrif miktub fid-dokumenti miżmumin fl-arkivji tagħna jew f'xogħlijiet li nkitbu fuq il-ħakma tan-Normanni fi Sqallija bħal, ngħidu aħna, *Storia dei Musulmani di Sicilia* ta' Michele Amari, u l-istorja miktuba tul il-ħakmiet l-oħra li ġew wara, tagħrif ieħor fuq l-istorja tal-poplu tagħna f'dawn iż-żminijiet nistgħu neħduh b'deduzzjonijiet raġunevoli, ukoll jekk m'humiex dejjem b'ċertezza assoluta, mix-xhieda li nsibu fi Sqallija u l-Italja ta' Nofs in-Nhar. Il-Lingwa, bħala dokument soċjoloġiku ta' dan iż-żmien u taż-żmien ta' qabel, turi l-għaqda u n-nisġa ta' ġrajjiet politiko-soċjali li jidħlu ġo xulxin, iħallu xhieda tal-bdil li jdaħħlu magħhom fiċ-ċiviltà u l-kultura u jorbtu kontinent ma' ieħor.

Sakemm Malta kienet politikament Għarbija, u għalhekk ukoll lingwistikament Semitika, kliem il-Maltin baqa' xhieda ta' ċivilta Maltija-Għarbija. Imma meta ntemmet il-ħakma Għarbija, u flok il-Għarab daħlu fostna n-Normanni u l-ġnus l-oħra Latini li ġew warajhom, sa żmienna li ra wkoll it-tmiem tal-ħakma politiko-Ingliża (1813-1964), il-vokabularju Malti tbiddel u sar mera ta' ċiviltà u kultura oħra — ċiviltà Ewropea u fl-istess ħin Nisranija. Ta' min jinnota hawnhekk li b'dana kollu r-reliġjon Nisranija ma bdietx hawn Malta fi żmien l-Għarab jew wara li telqu l-Għarab, imma bdiet madwar iżjed minn seba' mitt sena qabel il-ħakma Għarbija, fis-sena 60 W.K. meta Malta kienet provinċja, dak inhar li fix-xtajta tagħna tfarrak il-ġifen li fuqu San Pawl priġunier kien qed isiefer ma' oħrajn għal Ruma flimkien ma' sieħbu San Luqa li ħalla tifkira ta' dil-ġrajja storika fl-Atti ta' l-Appostli (xviii, 1). Dil-ġrajja kienet il-bidu tal-Kristjaniżmu hawn Malta, mill-eqdem fid-dinja Nisranija, li, għalkemm bħal kull fenomenu ieħor, ma seħħx mil-lum għal għada imma ħa ż-żmien tiegħu (forsi xi sekli) u baqa' sħiħ sa llum, minkejja l-kuntatti ma' diversi reliġjonijiet oħra. Mhux biss

baqa' sħiħ imma qatt ma nqata', minn Ruma, il-Belt li fiha laqgħet l-ewwel Papa, San Pietru.

Naraw xhieda tal-qedem tar-reliġjon Nisranija f'Malta fl-għadd ta' kliem Semitiku li juri aspetti fondamentali tar-reliġjon kattolika li ma setgħux waslu Malta minn Ruma jew mingħand qassisin Latini għax ilsien dawn mhux Semi. Dal-kliem bilfors, mela, ġiena mingħand qassisin insara jitkellmu lsien Semi li mingħandhom ħadna dan il-vokabolarju reliġjuż fondamentali — kliem kollu semitiku. Qed ngħid għal kliem bħal: *qrar, magħmudija, tqarbin, għodda ta' Alla* (li dari kienet tfisser sagrament), *frajħa**; *tewba*† tal qrar, u xi kliem ieħor li juri festi tal-knisja tagħna bħalma huma *Għid il-Kbir, Għid il-Ħamiem* u oħrajn. Forsi fil-kelma *Lapsi* u xi ftit kliem ieħor bħal *miru,* nilmħu wkoll fdal ta' l-influwenza tar-rit Biżantin.

Dawn l-eżempji li qed nagħti kollha jsaħħu l-fehma tiegħi li, m'għandniex xi ngħidu, hi wkoll il-fehma ta' oħrajn, li l-istudju tal-lingwa huwa parti integrali mill-istorja ta' pajjiż. Storja u lingwa aktar milli jixbhu lil żewġ ġirien, li joqogħdu fejn xulxin kulħadd f'dar għalih, jixbhu lil tnejn li jgħixu ġo dar waħda b'żewġ bibien imma taħt saqaf wieħed. Għalhekk l-istudju tal-lingwistika llum qiegħed dejjem jinfirex ma' l-attività tal-bniedem fl-istorja (lingwistika storika), fis-soċjetà (lingwistika soċjali jew soċjoloġika), fil-psikoloġija (lingwistika psikoloġika u anki psiko-analitika) u frieghi oħra ta' għerf il-bniedem. F'universitajiet oħra hemm dipartimenti li jispeċjalizzaw fi studji bħal dawn. Bil-mod il-mod, aħna fl-Università mexjin lejn din id-direzzjoni. Kollox bil-mod, imma xi darba naslu.

*Influssi oħrajn*

Il-kliem li ssellifna minn Sqallija u l-Italja u fi żminijiet aktar qrib, mill-Ingliż (minn dan l-ilsien għadna nissellfu) kollha flimkien, mal-kliem li ħadna mingħand is-Semin, idawru l-istorja soċjoloġika ġdida tal-poplu Malti mill-ħakma Normanna 'l hawn ġo gwarniċ ta' storja Ewro-Afrikana.

Hekk kif tajtkom idea tal-firxa tal-kliem semitiku fuq il-ħajja soċjali sa żminijietna issa, biex dal-kwadru lingwistiku nkomplu

* Illum ngħidulha l-glorja, daqq il-qniepen f'mewt ta' tarbija.

† Illum tingħad aktar 'penitenza'.

nqegħduh ġo gwarniċ sħiħ, ser nagħtikom fuq fuq, idea tal-firxa tal-kliem ta' nisel Romanz fuq id-diversi aspetti tal-ħajja soċjali tagħna. Il-kliem ta' nisel Romanz għandu x'jaqsam l-aktar (a) mar-reliġjon u l-knisja għalkemm il-kelma knisja li ġejja mill-Għarbi *kanisa* u tfisser 'Christian Church' mill-Grieg *ekklesija* (Lat. *ecclesia*), li tingħad ukoll mill-Insara tal-Palestina u oħrajn, ħaġa li turi li ġietna mingħand Insara Semin ma' kliem ieħor reliġjuż li semmejtilkom; (b) it-tnax-il xahar tas-sena, u l-irjieħ barra nofs inhar u r-riħ isfel; (ċ) għadd ġmielu ta' kliem li juri kif wieħed jiġi mill-ieħor fil-familja; (d) kliem tal-mediċina; (e) ħafna mill-kliem li għandu x'jaqsam ma' l-għamara u t-taqsim ta' dar; (f) il-biċċa l-kbira ta' l-ismijiet ta' xorb maħdum, minn barra kliem bħal inbid, xorb alkoħoliku pprojbit għall-Musulmani imma mhux għall-Insara; (g) ħafna mill-kliem ta' l-oġġetti ta' l-ikel minbarra dawk li huma primittivi bħalma huma *ħobż* u *għaġin;* (h) xi ismijiet ta' siġar tal-frott u l-biċċa l-kbira ta' siġar selvaġġi, pjanti li jagħmlu l-ward ifuħ, xi bhejjem ta' erba' saqajn u xi agħsafar (dawl fuq l-ornitoloġija Maltija); (i) il-kotra l-kbira ta' metalli u minerali u ħaġar prezzjuż barra xi kelmiet bħal fidda u deheb li ġabulna isimhom l-Għarab; (j) kliem li għandu x'jaqsam mat-tbaħħir u l-bċejjeċ tal-bini ta' bastiment; (k) u l-kotra kbira ta' kliem li għandu x'jaqsam mad-divertiment.

Hawnhekk nagħtikom eżempju ta' tliet kelmiet li joħorġu mill-istess idea ewlenija imma li jidħlu f'diversi kuntesti soċjali. Fil-kliem tad-divertiment il-kelma Semitika *żfin* hi l-eqdem kelma fi żmienna għax dan il-mod ta' divertiment hu popolari kullimkien, fost il-ġnus kollha ta' kull livell soċjali. Imma mbagħad magħha, u warajha fiż-żmien, għandna l-kelma *ballu* li turi għamla ta' żfin aktar sofistikat. Issa fi żmienna daħlet il-kelma 'dâns' *dance* li turi għamla oħra ta' żfin sofistikat ukoll imma ta' xejra Amerikana jew Ingliża. Dawn it-tliet kelmiet jidħlu fi tliet ambjenti soċjali diversi. Dan hu eżempju ta' influwenza lingwistika-soċjali (i) Semitika (Għarbija); (ii) Taljana; (iii) u Ingliża Amerikana.

Ta' nisel romanz hu wkoll kliem li bih infissru (l) ideat li għandhom x'jaqsmu ma' l-edukazzjoni minbarra dawk l-aktar elementari bħalma huma *qara, kiteb, għallem, għadd,* ħaġa li turi li t-tagħlim hawn Malta għandu storja qadima, (m) il-kotra l-kbira ta' ismijiet ta' l-ilbies, barra dawk ta' lbies primittiv għax niesna minn dejjem kienu jinsġu, iħitu u jilbsu u (n) aġġettivi multiplikattivi

bħalma huma l-kelmiet *singlu, doppju* u *triplu,* kelmiet li nistgħu nfissruhom bil-Malti semitiku wkoll billi ngħidu: għal darbtejn, għal tliet darbiet jew mit-tlieta waħda eċċ.; xi ksur il-għadd, frazzjonijiet bħal meta ngħidu *terz inbid, kwart ħobż* u kliem ieħor li jidħol fid-diversi frieghi tal-ħajja soċjali Maltija.

Min iħares lejn il-kelma bħala għodda tal-kittieb għall-kitba tal-proża jew poeżija (attività letterarja) u jieqaf hemm, jitlef is-sens tal-valur storiku ta' lingwa ta' poplu — jitlef arkivju storiku pre-istoriku.

Wieħed jista' jagħmel pass ieħor 'il quddiem u jara kif u safejn l-istudju ta' l-istorja ta' Malta u ta' l-isem Malti jistgħu jimxu flimkien għal triq twila. L-aktar li għandi f'rasi bħalissa hija l-istorja soċjali ta' Malta, l-istorja mżewqa ta' tiġrib il-poplu li, biex inkunu nafuha aħjar mill-bidunett, bilfors ikollna nfittxu xhieda tagħha fl-ilsien tal-poplu — l-eqdem arkivju storiku li għandu ġensna.

Fuq il-Malti baqa' ħafna x'jingħad minn dawk li għad iridu jitkellmu warajja fis-snin li ġejjin għax jien ma ftaħtx ħlief tieqa waħda fuqu; ftaħt it-tieqa li tagħti għal fuq dar oħra, biex ingħid hekk, id-Dar ta' l-Istorja ta' Malta. Infakkarhom li, kif għidtilkom qabel, qatt ma kien ikun hemm ilsien Malti fid-dinja li kieku ma kienx hemm poplu Malti li jitkellmu; hekk ukoll qatt ma kien ikun hemm Storja Maltija kieku ma kienx hemm Maltin li b'għamilhom bnew din l-istorja. Mela sew il-Lingwa Maltija sew l-Istorja huma t-tnejn dokument ta' poplu wieħed. Dan hu prinċipju ġenerali li japplika għal kull lingwa u storja ta' popli oħra. Hemm pont fejn dawn iż-żewġ dokumenti Maltin mhux biss jiltaqgħu imma jitwaħħdu wkoll u hu sewwa sew f'dan il-pont ta' tlaqqigħ li Storja u Lingwa huma żewġ lemħiet ta' l-istorja nazzjonali tagħna li jidħlu ġo xulxin bħal ħjut fuq il-motwa ta' newl wieħed (in-Newl taż-Żmien) u jdawlu l-ġrajja ta' missirijietna. Għalhekk l-istorja ta' poplu tixbah lil tapit orjentali bi ħjut imlewna.

BIBLJOGRAFIJA:

J. Aquilina, *The Structure of Maltese,* The Royal University of Malta, 1959.
J. Aquilina, *Papers in Maltese Linguistics,* The Royal University of Malta, 1961
J. Aquilina, *L-Ilsien Malti,* Malta, 1948